

## REGOLAMENT DELEGAT TAL-KUMMISSJONI (UE) 2021/806

tal-10 ta' Marzu 2021

**li jemenda r-Regolament (UE) Nru 528/2012 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill biex jinkludi d-dioossidu tal-karbonju ġġenerat mill-propan, mill-butan jew minn taħlita tat-tnejn permezz tal-kombustjoni bħala sustanza attiva fl-Anness I tiegħu**

(Test b'rilevanza għaż-ŻEE)

IL-KUMMISSJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidrat it-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,

Wara li kkunsidrat ir-Regolament (UE) Nru 528/2012 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-22 ta' Mejju 2012 dwar it-tqegħid fis-suq u l-użu tal-prodotti bijoċidali <sup>(1)</sup>, u b'mod partikolari l-Artikolu 28(1) tiegħu,

Billi:

- (1) Ir-Regolament ta' Delega tal-Kummissjoni (UE) Nru 1062/2014 <sup>(2)</sup> jistabbilixxi lista ta' sustanzi attivi eżistenti li jridu jiġu evalwati biex possibbilment jiġu approvati għall-użu fil-prodotti bijoċidali. Dik il-lista tinkludi d-dioossidu tal-karbonju ġġenerat minn propan, butan jew taħlita tat-tnejn permezz tal-kombustjoni.
- (2) Id-dioossidu tal-karbonju ġġenerat mill-propan, mill-butan jew minn taħlita tat-tnejn permezz tal-kombustjoni ġie evalwat għall-użu fil-prodotti bijoċidali tal-prodott tat-tip 19, ripellanti u attrattanti, kif deskritt fl-Anness V tar-Regolament (UE) Nru 528/2012.
- (3) Franza nħatret l-Istat Membru relatur u l-awtorità kompetenti tagħha sottomettiet ir-rapport tal-valutazzjoni flimkien mal-konklużjonijiet tagħha lill-Aġenzija Ewropea għas-Sustanzi Kimiċi ("l-Aġenzija") fit-18 ta' Settembru 2019.
- (4) F'konformità mal-Artikolu 7(2) tar-Regolament Delegat (UE) Nru 1062/2014, il-Kumitat dwar il-Prodotti Bijoċidali adotta l-opinjoni tal-Aġenzija fis-16 ta' Ġunju 2020 <sup>(3)</sup>, wara li kkunsidra l-konklużjonijiet tal-awtorità kompetenti li wettqet l-evalwazzjoni.
- (5) Skont dik l-opinjoni, il-prodotti bijoċidali għall-prodotti tat-tip 19 li jużaw id-dioossidu tal-karbonju ġġenerat mill-propan, mill-butan jew minn taħlita tat-tnejn permezz tal-kombustjoni jistgħu jkunu mistennija li jissodisfaw ir-rekwiżiti tal-Artikolu 19(1)(b) tar-Regolament (UE) Nru 528/2012. L-opinjoni tal-ECHA kkonkludiet ukoll li din is-sustanza attiva ma tagħtix lok għal tħassib u għalhekk hija eliġibbli għall-inklużjoni fl-Anness I tar-Regolament (UE) Nru 528/2012.
- (6) B'kont meħud tal-opinjoni tal-Aġenzija, huwa għalhekk xieraq li d-dioossidu tal-karbonju ġġenerat mill-propan, mill-butan jew minn taħlita tat-tnejn li huma permezz tal-kombustjoni jiġi inkluż fl-Anness I tar-Regolament (UE) Nru 528/2012. Peress li d-dioossidu tal-karbonju ġġenerat mill-propan, mill-butan jew minn taħlita tat-tnejn permezz tal-kombustjoni ġie vvalutat abbażi ta' dossier tas-sustanza attiva li jikkonforma mar-rekwiżiti stabbiliti fl-Artikolu 11(1) tad-Direttiva 98/8/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill <sup>(4)</sup>, id-dioossidu tal-karbonju ġġenerat mill-propan, mill-butan jew minn taħlita tat-tnejn permezz tal-kombustjoni jenħtieġ li jiġi inkluż fil-kategorija 6 tal-Anness I tar-Regolament (UE) Nru 528/2012, "Sustanzi li għalihom Stat Membru jkun ikkonvalida dossier dwar is-sustanza attiva skont l-Artikolu 7(3) ta' dan ir-Regolament jew li jkun aċċetta dan id-dossier skont l-Artikolu 11(1) tad-Direttiva 98/8/KE".
- (7) L-Artikolu 89(3) tar-Regolament (UE) Nru 528/2012 fiħ miżuri tranżizzjonali fejn sustanza attiva eżistenti inkluż fil-programm ta' ħidma għall-eżami sistematiku ta' sustanzi attivi eżistenti tiġi approvata f'konformità ma' dak ir-Regolament. Fir-rigward tad-dioossidu tal-karbonju ġġenerat mill-propan, mill-butan jew minn taħlit tat-tnejn

<sup>(1)</sup> ĠU L 167, 27.6.2012, p. 1.

<sup>(2)</sup> Ir-Regolament ta' Delega tal-Kummissjoni (UE) Nru 1062/2014 tal-4 ta' Awwissu 2014 dwar il-programm ta' ħidma għall-evalwazzjoni sistematika tas-sustanzi attivi bijoċidali kollha li jeżistu fil-prodotti bijoċidali msemmijin fir-Regolament (UE) Nru 528/2012 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill (ĠU L 294, 10.10.2014, p. 1).

<sup>(3)</sup> Opinjoni tal-Kumitat dwar il-Prodotti Bijoċidali dwar l-applikazzjoni għall-approvazzjoni tas-sustanza attiva: Dioossidu tal-karbonju ġġenerat mill-propan, mill-butan jew taħlita tat-tnejn permezz tal-kombustjoni, Prodotti tat-tip: 19, ECHA/BPC/249/2020, adottata fis-16 ta' Ġunju 2020.

<sup>(4)</sup> Id-Direttiva 98/8/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-16 ta' Frar 1998 dwar it-tqegħid fis-suq tal-prodotti bijoċidali (ĠU L 123, 24.4.1998, p. 1).

permezz tal-kombustjoni għall-prodotti tat-tip 19, id-data tal-approvazzjoni għall-finijiet tal-Artikolu 89(3) ta' dak ir-Regolament jenħtieġ li tiġi stabbilita bħala dik tal-1 ta' Lulju 2022, sabiex ikun hemm biżżejjed żmien biex l-applikazzjonijiet għall-awtorizzazzjoni jitressqu f'konformità mat-tieni subparagrafu tal-Artikolu 89(3) ta' dak ir-Regolament,

ADOTTAT DAN IR-REGOLAMENT:

*Artikolu 1*

L-Anness I tar-Regolament (UE) Nru 528/2012 huwa emendat f'konformità mal-Anness ta' dan ir-Regolament.

*Artikolu 2*

Għall-finijiet tal-Artikolu 89(3) tar-Regolament (UE) Nru 528/2012, id-data tal-approvazzjoni tad-diossidu tal-karbonju ġġenerat mill-propan, mill-butan jew minn taħlita tat-tnejn li huma permezz tal-kombustjoni għall-prodotti tat-tip 19 hija l-1 ta' Lulju 2022.

*Artikolu 3*

Dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħ fl-għoxrin jum wara dak tal-pubblikazzjoni tiegħu f'Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea.

Dan ir-Regolament għandu jorbot fl-intier tiegħu u japplika direttament fl-Istati Membri kollha.

Magħmul fi Brussell, l-10 ta' Marzu 2021.

*Għall-Kummissjoni*

*Il-President*

Ursula VON DER LEYEN

---

## ANNEX

Fl-Anness I tar-Regolament (UE) Nru 528/2012, fil-Kategorija 6 tal-lista tas-sustanzi attivi msemmija fl-Artikolu 25(a), tizzied l-entrata li ġejja:

Numru EC	Isem/Grupp	Restrizzjoni	Kumment
"204-696-9	Diossidu tal-karbonju ġġenerat minn propan, butan jew taħlita tat-tnejn permezz tal-kombustjoni (*)		Nru tal-CAS 124-38-9

(\*) Id-data tal-approvazzjoni tad-diossidu tal-karbonju ġġenerat mill-propan, mill-butan jew minn taħlita tat-tnejn li huma mill-kombustjoni għall-prodotti tat-tip 19 għall-finijiet tal-Artikolu 89(3) hija l-1 ta' Lulju 2022.”.